MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 214/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Farrugia**
**Joseph Dalli**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba b'att ta' citazzjoni mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Farrugia talli fit-18 ta' Gunju, 2000 ghall-habta tal-11.30am, fi Triq Hal-Far, Gudja, saq vettura nru. LAF-664 (**1**) b'giri aktar milli jmissu, (**2**) b'manjiera traskurata, (**3**) perikoluza, (**4**) talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragn u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' mutur nru. FAN-918 u nvolontarjament ikkagunalu hsara a dannu ta' Joseph Dalli, u aktar (**5**) talli fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Joseph Dalli skond kif iccertifika Dr Simon Bugeja M.D. ta'

l-Isptar San Luqa; il-prosekuzzjoni talbet li Carmel Farrugia jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan;

Rat ukoll l-imputazzjonijiet migjuba b'att ta' citazzjoni separata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Dalli talli fit-18 ta' Gunju, 2000, ghall-habta tal-11.30 am, fi Triq Hal-Far, Gudja, saq vettura (mutur) nru. FAN-918 (**1**) b'manjiera perikoluza, u aktar (**2**) talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura nru. LAF-664 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat a dannu ta' Carmel Farrugia; il-prosekuzzjoni f'din ic-citazzjoni wkoll talbet li Dalli jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet premessi (cioe` ***Il-Pulizija v. Carmel Farrugia [u] Joseph Dalli***) li permezz taghha dik il-qorti fil-parti decizjonali illiberat lil Joseph Dalli "mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu", u lliberat ukoll lil Carmel Farrugia "mill-ewwel akkuza in kwantu din preskritta", izda sabet lill-istess Carmel Farrugia "hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi kif misjuba **[recte:** migjuba**]** kontra tieghu" u kkundannatu multa ta' tlett mitt lira (Lm300) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Farrugia, minnu ppresentat fis-27 ta' Settembru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Jannar, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, illi l-ewwel qorti interpretat u apprezzat il-provi b'mod zbaljat, u li kien ghalhekk li waslet ghall-konkluzzjoni li huwa kien hati tal-incident *de quo*. It-tieni aggravju, subordinat u bla pregudizzju ghall-ewwel wiehed, jirrigwarda l-piena.

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji ta' l-appellant, thossha fid-dover li tosserva li ma tistax tifhem

kif f'din il-kawza inghatat sentenza wahda fil-konfront ta' Joseph Dalli u ta' Carmel Farrugia. F'dan il-kaz kien hemm zewg citazzjonijiet separati, u mill-atti ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni – li lilha biss tispetta d-decizjoni jekk imputazzjonijiet kontra aktar minn persuna wahda jingiebux f'citazzjoni wahda jew aktar – talbet li d-diversi imputazzjonijiet kontra z-zewg imputati jingiebu f'kawza wahda (bil-problemi li tali procedura tista' tohloq fir-rigward ta' l-ammissibilita` tax-xiehda tal-ko-akkuzat). Kif din il-Qorti osservat fis-sentenza taghha tas-7 ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Philip Zammit u Sharon Zammit kontestwalment***[1] meta kawzi kontra zewg persuni jew aktar jinstemghu kontestwalment (u anke tali smigh kontestwali ghandu jsir bil-kunsens tal-prosekuzzjoni), il-kawzi jibqghu separati u distinti, u jinghataw sentenzi daqs kemm ikun hemm kawzi u mhux sentenza wahda. F'dan il-kaz, l-appellant Farrugia ma hu qed iqajjem ebda eccezzjoni ta' nullita` tas-sentenza appellata minhabba din l-irregolarita`; anqas ma hu qed iqajjem xi kwistjoni dwar l-ammissibilita` tad-deposizzjoni ta' Dalli fil-konfront tieghu[2]. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax li tkun gustifikata li f'dan il-kaz tghid aktar dwar il-punti minnha stess imqajjma sa issa.

Il-kwistjoni kif propspettata mill-appellant hija jekk ghandhiex titwemmen id-deposizzjoni tieghu jew dik ta' Dalli. Dalli jghid li kien qed isuq il-vettura tieghu (mutur tat-tip lambretta) fil-karreggjata proprja meta qala' daqqa minn fuq wara b'mod li huwa spicca fuq il-*bonnet* tal-vettura ta' Farrugia. Farrugia, invece, jghid li hu kien qed isuq b'xi sittin kilometru fis-siegha (60 km/hr)[3] meta f'daqqa wahda Dalli, li kien qed isuq fuq il-parti tax-xellug tat-triq li ma kienitx kerreggjabbli minhabba xogholijiet li kienu qed isiru ta' *re-surfacing* tat-triq, kiser fuq il-lemin b'mod li Farrugia sabu ma wiccu f'nofs it-triq u, ghalkemm ibbrejkja, laqtu.

---

[1] Kollezz. Deciz. Vol. LXXVIII.v.344

[2] Din il-Qorti qieghdha thalli impregudikata l-kwistjoni jekk f'dan il-kaz jistax jinghad li Farrugia u Dalli kienu akkuzati bl-"istess reat" ghall-fini tal-gurisprudenza bbazata fuq il-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali; ara *inter alia* ***Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri*** Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; ***The Police v. Alfred W. Luck et*** Qorti Kriminali, 25 ta' April, 1949.

[3] Fol. 50 tal-atti.

Issa, kif inhu risaput din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti; hija tintervjeni biss meta tkun tal-fehma li l-ewwel qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti, ghalhekk, ezaminat il-provi kollha bl-akbar reqqa, kif ukoll is-sentenza ta' l-ewwel qorti. Minn din is-sentenza hu evidenti li l-ewwel qorti ma emmnitx il-versjoni ta' l-appellant ghax ikkonkludiet li ma kienx qed jghid il-verita` meta qal li hu lemah lil Dalli l-ewwel darba meta kien xi ghaxar metri 'l boghod minnu, u dan peress li huwa (Farrugia) halla *brake marks* ta' hmistax-il metru – li juru li lil Dalli allura rah aktar qabel. Pero` din il-Qorti ma tarax li dan kellu jkun argument deciziv. L-appellant stess, meta kien qed jixhed quddiem il-Qorti Inferjuri, fisser li meta semma ghaxar metri hu kien qed ikun approssimativ; u din il-Qorti taqbel li anke li kieku l-appellant kien perit ossia arkitett imdorri jkejjel bil-ghajn, huwa ferm difficli li wiehed jikkalkola distanzi waqt li qed isuq peress li dawn ikun normalment kontinwament qed jinbidlu riferibbilment ghall-istess sewwieq. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, il-posizzjoni tal-offizi li garrab Dalli kif ukoll il-posizzjoni tal-hsara li kellu fil-mutur kellhom jnisslu dubbju dettat mir-raguni fl-ewwel qorti dwar il-versjoni moghtija mill-istess Dalli. Pero` anke jekk wiehed kellu jikkoncedi – kif din il-Qorti qed tikkoncedi – li verament Dalli kiser ghal fuq il-lemin, xorta jibqa' l-fatt, fil-fehma ta' din il-Qorti, li Farrugia huwa (ukoll) responsabbli ghall-incident u dan minhabba l-velocita` li kien ghaddej biha, velocita` li anke jekk kienet entro l-limiti regolamentari, kienet skonsiljata ghal triq li fiha kienu qed isiru xogholijiet b'mod li nofsha ma kienitx karreggjabbli. Bit-triq kif kienet maqsuma, kien prevedibbli ghal bniedem prudenti li jara lil xi hadd isuq mutur fuq il-parti mhux karreggjabbli (li kienet fuq ix-xellug tal-parti kerreggjabbli), li dak il-mutur ser ikollu f'xi hin jaqleb ghal fuq il-parti karreggjabbli, bid-diffikulta` ghal tali manuvra minhabba d-dizlivell bejn il-parti karreggjabbli u dik mhux karreggjabbli, u ghalhekk kien jinkombi fuq is-sewwieq tal-vettura (cioe` fuq Farrugia) li jzomm velocita` aktar imnaqqsa minn dik li kien ghaddej biha. Fi kliem iehor, fl-ahjar ipotesi ghall-appellant, kien hemm in-negligenza

kontributorja ta’ Dalli, pero` huwa (Farrugia) wkoll kien negligenti fis-sewqan. Ghalhekk din il-Qorti tara li hemm biss lok ta’ temperament fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta’ tlett mitt lira u minflok tikkundannah multa ta’ sittin lira (Lm60) (konvertibbli fi tnax-il gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi), izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu tas-sospensjoni tal-licenzja jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

--------------------------------TMIEM--------------------------------